

# DEĊIŻJONIJET

## DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' Frar 2014

li tidentifika l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għal evalwazzjoni komprensiva

(BĊE/2014/3)

(2014/123/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 33(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Bord Superviżorju,

Billi:

- (1) Mit-3 ta' Novembru 2013, bil-ħsieb li jassumi l-kompiti superviżorji tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jista' jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 biex jipprovdu t-tagħrif kollu rilevanti sabiex il-BĊE iwettaq evalwazzjoni komprensiva, inkluż evalwazzjoni tal-karta tal-bilanċ, tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Istati Membri parteċipanti. Il-BĊE huwa mitlub li jwettaq din il-evalwazzjoni mill-inqas fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumix koperti mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
- (2) Fit-23 ta' Ottubru 2013, il-BĊE ippubblika l-ismijiet tal-istituzzjonijiet inklużi fil-evalwazzjoni komprensiva kif ukoll ħarsa ġenerali inizjali lejn l-elementi ewlenin tal-evalwazzjoni komprensiva.
- (3) Abbażi tal-kriterji msemmija fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE identifika l-istituzzjonijiet ta' kreditu li fir-rigward tagħhom għandu l-intenzjoni li jwettaq evalwazzjoni komprensiva, inkluż evalwazzjoni tal-karta tal-bilanċ, b'konformità mal-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija aktar 'il fuq, il-BĊE ikkunsidra l-bidliet possibbli li jistgħu iseħħu f'kull ħin minħabba d-dinamika tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-valur totali tal-

assi tagħhom. Bħala riżultat ta' dan, huwa inkluda l-istituzzjonijiet ta' kreditu li preżentament ma jissodisfawx il-kriterji dwar l-importanza iżda li jistgħu jagħmlu dan fil-futur qarib u għalhekk għandhom ikunu suġġetti għall-evalwazzjoni komprensiva. Għalhekk il-BĊE għandu jwettaq evalwazzjoni komprensiva fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew kumpaniji finanzjarji b'parteċipazzjoni mħallta li l-valur totali tal-assi tagħhom ma jaqbiżx EUR 27 biljun. Minkejja l-kriterji hawn fuq imsemmija, il-BĊE għandu jwettaq ukoll evalwazzjoni komprensiva fir-rigward tat-tliet istituzzjonijiet l-iktar importanti f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro. L-identifikazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li fuqhom il-BĊE għandha l-intenzjoni li twettaq evalwazzjonijiet komprensivi hi mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni finali tal-kriterji li huma bbażati fuq il-metodoloġija speċifika inkluża fil-qafas imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

- (4) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma meħtieġa li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha għall-BĊE sabiex iwettqu l-evalwazzjoni komprensiva skont l-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.
- (5) Il-BĊE jista' jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-persuni msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 sabiex jipprovdu t-tagħrif kollu rilevanti biex il-BĊE jwettaq din l-evalwazzjoni komprensiva.
- (6) Membri tal-Bord Superviżorju, il-persunal tal-BĊE u l-persunal issekondat mill-Istati Membri parteċipanti huma suġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stipulati fl-Artikolu 37 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-liġi rilevanti tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet rigward l-iskambju tal-informazzjoni u s-segretezza professjonali stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>,

<sup>(1)</sup> ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

<sup>(2)</sup> Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

AdoTtA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Entitajiet suġġetti għall-evalwazzjoni komprensiva**

1. L-entitajiet elenkati fl-Anness huma suġġetti għal evalwazzjoni komprensiva li ser issir mill-BĊE sat-3 ta' Novembru 2014.
2. B'konformità mal-Artikolu 33(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu elenkata fl-Anness għandha tissottometti l-informazzjoni kollha ta' relevanza għall-evalwazzjoni komprensiva li l-BĊE jitlob fir-rigward ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu. L-awtorità nazzjonali kompetenti tivverifika l-informazzjoni kif tqis xieraq għall-eżerċizzju, inkluż, meta meħtieġ, permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post u, jekk xieraq, bl-involviment ta' partijiet terzi.
3. L-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji fi grupp li hu suġġett għas-superviżjoni kkonsolidata fi ħdan l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku

għandha tkun inkarigata minn din il-verifika għas-sussidjarji awtorizzati fl-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 2*

**Setgħat investigatorji**

B'konformità mal-Artikolu 33(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE jista' jeżerċita s-setgħat investigatorji tiegħu fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu identifikati fl-Anness.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2014.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Frar 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

## ANNEX

## ISTITUZZJONIJIET INKLUŻI FL-EVALWAZZJONI KOMPRESIVA

**Il-Belġju**

AXA Bank Europe SA  
 Belfius Banque SA  
 Dexia NV <sup>(1)</sup>  
 Investar (Holding ta' Argenta Bank- en Verzekeringsgroep)  
 KBC Group NV  
 The Bank of New York Mellon SA

**Il-Ġermanja**

Aareal Bank AG  
 Bayerische Landesbank  
 Commerzbank AG  
 DekaBank Deutsche Girozentrale  
 Deutsche Apotheker- und Ärztebank eG  
 Deutsche Bank AG  
 DZ Bank AG Deutsche Zentral-Genossenschaftsbank  
 HASPA Finanzholding  
 HSH Nordbank AG  
 Hypo Real Estate Holding AG  
 IKB Deutsche Industriebank AG  
 KfW IPEX-Bank GmbH  
 Landesbank Baden-Württemberg  
 Landesbank Berlin Holding AG  
 Landesbank Hessen-Thüringen Girozentrale  
 Landeskreditbank Baden-Württemberg-Förderbank  
 Landwirtschaftliche Rentenbank  
 Münchener Hypothekenbank eG  
 Norddeutsche Landesbank-Girozentrale  
 NRW.Bank  
 SEB AG  
 Volkswagen Financial Services AG  
 WGZ Bank AG Westdeutsche Genossenschafts-Zentralbank  
 Wüstenrot & Württembergische AG fir-rigward ta' Wüstenrot Bank AG Pfandbriefbank u Wüstenrot Bausparkasse AG

**L-Estonja**

AS DNB Bank  
 AS SEB Bank  
 Swedbank AS

**L-Irlanda**

Allied Irish Banks plc  
 Merrill Lynch International Bank Limited  
 Permanent tsb plc.  
 The Governor and Company of the Bank of Ireland  
 Ulster Bank Ireland Limited

**Il-Greċja**

Alpha Bank, S.A.  
 Eurobank Ergasias, S.A.  
 National Bank of Greece, S.A.  
 Piraeus Bank, S.A.

**Spanja**

Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, S.A.  
 Banco de Sabadell, S.A.  
 Banco Financiero y de Ahorros, S.A.  
 Banco Mare Nostrum, S.A.  
 Banco Popular Español, S.A.  
 Banco Santander, S.A.  
 Bankinter, S.A.  
 Caja de Ahorros y M.P. de Zaragoza, Aragón y Rioja  
 Caja de Ahorros y Pensiones de Barcelona  
 Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria, CAMP  
 Cajas Rurales Unidas, Sociedad Cooperativa de Crédito Catalunya Banc, S.A.  
 Kutxabank, S.A.  
 Liberbank, S.A.  
 MPCA Ronda, Cádiz, Almería, Málaga, Antequera y Jaén  
 NCG Banco, S.A.

**Franza**

Banque centrale de compensation (LCH Clearnet)  
 Banque PSA Finance

<sup>(1)</sup> Il-metodoloġija tal-evalwazzjoni għal dan il-grupp għandha tikkunsidra b'mod xieraq is-sitwazzjoni speċifika tiegħu u b'mod partikolari l-fatt li evalwazzjoni estensiva tal-pożizzjoni finanzjarja u l-profil tar-riskju tiegħu kienet diġa' twettqet fil-qafas tal-pjan mibdi f'Ottubru 2011 u approvat mill-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Diċembru 2012.

BNP Paribas  
 C.R.H. - Caisse de cefinancement de l'habitat  
 Groupe BPCE  
 Groupe Crédit agricole  
 Groupe Crédit mutuel  
 HSBC France  
 La Banque postale  
 BPI France (Banque publique d'investissement)  
 RCI Banque  
 Société de financement local  
 Société générale

**L-Italja**

Banca Carige S.P.A. - Cassa di Risparmio di Genova e Imperia  
 Banca Monte dei Paschi di Siena S.p.A.  
 Banca Piccolo Credito Valtellinese, Società Cooperativa  
 Banca Popolare Dell'Emilia Romagna - Società Cooperativa  
 Banca Popolare Di Milano - Società Cooperativa A Responsabilità Limitata  
 Banca Popolare di Sondrio, Società Cooperativa per Azioni  
 Banca Popolare di Vicenza - Società Cooperativa per Azioni  
 Banco Popolare - Società Cooperativa  
 Credito Emiliano S.p.A.  
 Iccrea Holding S.p.A.  
 Intesa Sanpaolo S.p.A.  
 Mediobanca - Banca di Credito Finanziario S.p.A.  
 UniCredit S.p.A.  
 Unione Di Banche Italiane Società Cooperativa Per Azioni  
 Veneto Banca S.C.P.A.

**Ċipru**

Bank of Cyprus Public Company Ltd  
 Co-operative Central Bank Ltd  
 Hellenic Bank Public Company Ltd  
 Russian Commercial Bank (Cyprus) Ltd

**Il-Latvja**

ABLV Bank, AS

AS SEB banka  
 Swedbank

**Il-Lussemburgu**

Banque et Caisse d'épargne de l'Etat, Luxembourg  
 Clearstream Banking SA  
 Precision Capital SA (Holding ta' Banque Internationale à Luxembourg u KBL European Private Bankers SA)  
 RBC Investor Services Bank SA  
 State Street Bank Luxembourg SA  
 UBS (Luxembourg) SA

**Malta**

Bank of Valletta plc  
 HSBC Bank Malta plc

**Il-Pajjiżi l-Baxxi**

ABN AMRO Bank N.V.  
 Bank Nederlandse Gemeenten N.V.  
 Coöperatieve Centrale Raiffeisen-Boerenleenbank B.A.  
 ING Bank N.V.  
 Nederlandse Waterschapsbank N.V.  
 The Royal Bank of Scotland N.V.  
 SNS Bank N.V.

**L-Awstrija**

BAWAG P.S.K. Bank für Arbeit und Wirtschaft und Österreichische Postsparkasse AG  
 Erste Group Bank AG  
 Raiffeisenlandesbank Oberösterreich AG  
 Raiffeisenlandesbank Niederösterreich-Wien AG  
 Raiffeisen Zentralbank Österreich AG

Österreichische Volksbanken-AG flimkien mal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati skont l-Artikolu 10 tar-**Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** <sup>(1)</sup>

**Il-Portugall**

Banco BPI, SA  
 Banco Comercial Português, SA  
 Caixa Geral de Depósitos, SA  
 Espírito Santo Financial Group, SA

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

**Is-Slovenja**

Nova Kreditna Banka Maribor d.d.

Nova Ljubljanska banka d. d., Ljubljana

SID - Slovenska izvozna in razvojna banka, d.d., Ljubljana

**Il-Finlandja**

Danske Bank Oyj

Nordea Bank Finland Abp

OP-Pohjola Group

*Każijiet fejn waħda jew iktar mit-tliet istituzzjonijiet ta' kreditu l-iktar importanti fi Stat Membru parteċipanti huma sussidjarji ta' gruppi bankarji diġà nklużi fil-lista aktar 'il fuq:*

**Malta**

Deutsche Bank (Malta) Ltd

**Is-Slovakkja**

Slovenská sporiteľňa, a.s.

Všeobecná úverová banka, a.s.

Tatra banka, a.s.

---